

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2018 – Compañía de Tranvías de la Coruña vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-485/15)**

(2018/C 381/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet**Rikorrenti:** Compañía de Tranvías de la Coruña, SA (A Coruña, Spanja) (rappreżentanti: J. Monrabà Bagan, lawyer)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2018) 3780 finali, tas-7 ta' Ġunju 2018, dwar l-aċċess għad-dokumenti;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tar-reqwiziti formali essenzjali.

- Id-deċiżjoni ma tipprovdi motivi suffiċjenti sabiex jiġi miċħud l-aċċess jew sabiex jingħata aċċess limitat għal dokumenti fid-dawl tal-assenza ta' rabta bejn il-proċeduri invokati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (Kawżi magħquda C-350/17 Mobit ⁽¹⁾ u C-351/17 Autolinee Toscane ⁽²⁾) u t-talba għal aċċess għal dokumenti.
- Il-motivazzjoni hija waħda mir-reqwiziti formali essenzjali u l-Kummissjoni hija dejjem marbuta li tipprovdiha.
- F'każ ta' nuqqas ta' motivazzjoni, id-deċiżjoni ma tkunx tosserva t-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u għaldastant għandha titqies bħala nulla skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE.

2. Sussidjarjament, it-tieni motiv huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri fl-iżvelar tad-dokumenti li l-aċċess għalihom ġie rrifjutat permezz tad-deċiżjoni kkontestata.

- Id-dokumenti li ntlab l-aċċess għalihom huma ta' interess pubbliku safejn dawn jgħinu fl-interpretazzjoni ta' punti essenzjali tar-regolamenti tal-Ujoni Ewropea marbuta mas-servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq li preċedentment ġew applikati mill-Kummissjoni Ewropea.
- Għaldaqstant, anki jekk il-Qorti Ġenerali kellha ssib rabta bejn il-kawżi magħquda ċċitati iktar 'il fuq li għadhom pendenti C-350/17 Mobit u C-351/17 Autolinee Toscane u t-talba għal aċċess għad-dokumenti, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 4(2) *in fine* tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽³⁾ jippermetti l-aċċess għad-dokumenti meta dan ikun iġġustifikat minn interess pubbliku superjuri.

- Ir-rilevanza tad-dokumenti, mhux sempliċement għar-rikorrenti iżda wkoll għal kull awtorità jew persuna kkonċernata li tkun trid tapplika regolament tal-Unjoni Ewropea dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq tikkostitwixxi interess pubbliku superjuri b'tali mod li l-aċċess għad-dokumenti għandu jingħata.

- (¹) Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) tat-12 ta' Ġunju 2017 – Mobit Soc.cons.arl vs Regione Toscana (ĠU 2017, C 330, p. 4).
- (²) Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) tat-12 ta' Ġunju 2017 – Autolinee Toscane SpA/Mobit Soc. cons.arl (ĠU 2017, C 330, p. 5).
- (³) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Awwissu 2018 – Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-486/18)

(2018/C 381/33)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Partijiet

Rikorrent: Danske Slagtermestre (Odense, id-Danimarka) (rappreżentant: ved advokat H. Sønderby Christensen)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2018 fil-każ ta' għajnuna mill-Istat SA.37433 (2017/FC) innotifikata bin-numru C(2018) 2259;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' kontradittorju
 - Ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' kontradittorju (ara l-Artikolu 41(2)(a)), tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) en billi ma ppremettilhiex tagħti l-opinjoni tagħha fuq informazzjoni kkomunikata mill-kontroparti u li fuqha l-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tadotta d-deċiżjoni kkontestata
 - Ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni kisret id-dritt tagħha għal trattament imparzjali.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-miżura ta' għajnuna tagħti vantaġġ.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq is-selettività tal-miżura ta' għajnuna.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-għajnuna ingħatat mill-Istat permezz ta' riżorsi tal-Istat.
6. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-miżura ta' għajnuna tikkostitwixxi distorsjoni tal-kompetizzjoni.
7. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-miżura ta' għajnuna taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.